LEĠISLAZZJONI SUSSIDJARJA 85.05

REGOLI DWAR L-ESPORTAZZJONI TA' L-GĦENEB*

15 ta' Jannar, 1960

L-AVVIŻ LEGALI 2 ta' l-1960, kif emendat bl-Avviżi Legali 38 ta' l-1968 u 408 ta' l-2007.

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-Regoli hu Regoli dwar l-Esportazzjoni ta' l-Għeneb.

Tip ta' għeneb.

2. L-għeneb għall-esportazzjoni għandu jkun tat-tip Insolia jew ta' kull tip ieħor approvat mid-Direttur ta' l-Agrikoltura.

Piż ta' l-għanqud.

3. Kull għanqud għeneb għandu jkun ta' forma tajba u għandu jiżen mhux anqas minn tmien uqijiet.

L-għenba.

4. L-għenba għandha tkun ta' kwalità tajba u misjura; barra minn dan għandha tkun nadifa u ħielsa mill-moffa, mill-ħsara jew mill-mard.

Pakkjar.

5. L-għeneb għandu jkun ippakkjat għall-esportazzjoni f'reċipjenti *standard* li għandhom ikunu ġodda, kull wieħed ikun jista' jesa' mhux iżjed minn tmintax-il libbra piż nett ta' għeneb, u b'saħħithom biżżejjed biex jiżguraw li jaslu fid-destinazzjoni tagħhom f'kundizzjoni tajba u b'ventilazzjoni adegwata għall-għeneb.

Reċipjenti.

6. Kull reċipjent għandu jkun fih għeneb ta' l-istess tip u kulur.

Partikolaritajiet li għandhom jidhru.

7. Kull reċipjent għandu jkollu tikketta li turi l-isem ta' l-esportatur u l-piż nett tal-kontenut. Il-ġnub u l-qiegħ tar-reċipjenti għandhom ikunu miksija b'karta xierqa approvata għal hekk mill-ispettur tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

Spettur jeżamina l-għeneb.

8. Kull partita ta' għeneb għandha tiġi eżaminata minn spettur tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura, li jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, jeżamina r-reċipjenti kollha jew kull wieħed minnhom f'kull partita u l-kontenut tagħhom.

Nuqqs ta' approvazzjoni għall-esportazzjoni.

9. L-ispettur tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura jista' ma jippermettix għall-esportazzjoni kwalunkwe partita ta' għeneb, f'liema każ għandu jkun ispezzjona mhux anqas minn għaxra fil-mija ta' dik il-partita.

Spezzjoni mill-ġdid.

10. Kull partita approvata għall-esportazzjoni għandha tkun suġġetta għall-ispezzjoni mill-ġdid jekk ma tkunx imbarkata fi żmien tnax-il siegħa mill-ispezzjoni ta' qabel.

Applikazzjonijiet għall-ispezzjonijiet.

11. L-applikazzjonijiet għall-ispezzjoni għandhom isiru lill-ispettur jew lid-Direttur ta' l-Agrikoltura mill-anqas erbgħa u għoxrin siegħa qabel ma tiġi mbarkata l-partita: iżda l-applikazzjonijiet jistgħu jsiru wkoll matul l-istess perijodu ta' erbgħa u għoxrin siegħa, iżda f'każ bħal dan id-Dipartiment ta' l-

*Dawn ir-regoli ġew imħassrin bl-Att XXXIV tal-2023.

Agrikoltura ma jkollu ebda obbligu li jagħmel l-ispezzjoni fiżżmien meħtieġ.

Partikolaritajiet li għandhom jidhru fuq l-applikazzjoni.

12. Kull applikazzjoni għall-ispezzjoni għandha turi l-isem ta' l-esportatur, in-numru tar-reċipjenti u d-deskrizzjoni tal-kontenut tagħhom u d-destinazzjoni tal-partita.

Fejn jiġi spezzjonat l-għeneb.

13. Ebda applikazzjoni għall-ispezzjoni ma għandha titqies jekk l-għeneb ippakkjat kif imiss fir-reċipjenti ma jkunx muri f'post approvat għal hekk mid-Direttur ta' l-Agrikoltura.

Drittijiet.
Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.

14. Ebda drittijiet ma għandhom jitħallsu għall-ispezzjoni ta' partita. Jekk partita jew parti minnha li tkun miċħuda l-esportazzjoni tagħha terġa' titqiegħed mill-ġdid għall-ispezzjoni wara li tiġi magħżula mill-ġdid, klassifikata mill-ġdid jew ippakkjata mill-ġdid, skond il-każ. Dritt kalkolat fuq il-bażi ta' €0.005 għal kull reċipjent eżaminat għandu jitħallas għall-ispezzjoni, salv li d-dritt għall-ispezzjoni ta' kull partita waħda jew parti minnha ma għandux ikun anqas minn tmienja u ħamsin ċenteżmu (0.58).

Ċertifikati maħruġa mid-Direttur ta' l-Agrikoltura.

15. Jekk partita wara li tkun ġiet spezzjonata tinsab li tkun għal kollox taqbel mad-disposizzjonijiet ta' dawn ir-Regoli u li tkun tajba għall-esportazzjoni, id-Direttur ta' l-Agrikoltura għandu jagħti lill-esportatur ċertifikati tas-saħħa, kwalità u oriġini ta' l-għeneb.

Provvediment speċjali.

16. Għall-ħtiġiet ta' xi ftehim ta' negozju partikolari jew ta' xi talba speċjali d-Direttur ta' l-Agrikoltura jista' jħalli l-esportazzjoni ta' l-għeneb li jkun klassifikat, imdaqqas, ippakkjat u mmarkat b'mod ieħor li ma jkunx dak speċifikat f'dawn ir-Regoli.

Appell minn deċiżjoni ta' spettur.
Emendat: A.L. 38 ta' l-1968.
Kap. 85.

17. Il-Bord ta' Arbitraġġ imsemmi fl-artikolu 18 ta' l-Ordinanza dwar l-Esportazzjoni ta' Prodotti tal-Biedja għandu jkun magħmul mid-Direttur ta' l-Agrikoltura jew uffiċjal tad-Dipartiment li jaġixxi għalih bħala *Chairman* u żewġ membri li għandhom jintgħażlu minn lista ta' għaxar persuni li għandhom x'jaqsmu man-negozju ta' l-esportazzjoni tal-biedja jew man-negozju ta' l-għasir. Il-lista għandha tkun nominata mill-Ministru responsabbli għall-Agrikoltura qabel il-bidu ta' kull staġun ta' l-esportazzjoni. F'kull Bord ta' Arbitraġġ wieħed mill-membri tal-lista għandu jintagħżel mill-persuna li tkun qed tagħmel l-ilment u wieħed miċ-*Chairman*. Ebda membru tal-lista ma għandu joqgħod fil-Bord dwar xi prodott li fih ikollu xi interess.

Drittijiet għal riferenza lill-Bord.
Emendat: A.L. 408 ta' l-2007.

18. Dritt bir-rata ta' tnax-il ċenteżmu (0.12) kull koll għandu jiġi depożitat għand l-ispettur mill-esportatur li jkollu bżonn jirriferixxi lejn il-Bord ta' Arbitraġġ, iżda d-dritt ma għandu f 'ebda każ ikun anqas minn sitt euro u disgħa u disgħin ċenteżmu (6.99).